PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

24 ta' Lulju, 2022

# MARTA JEW MARIJA? - messaġġ ta' Papa Franġisku fl-Angelus tal-Ħadd 17 ta' Lulju, 2022



L-Evanġelju tal-Liturġija tal-lum itina xena domestika vivaċi b'Marta u Marija, żewġ aħwa li jilqgħu lil Ġesù bħala mistieden fid-dar tagħhom (cfr Lq 10,38-42). Marta minnufih tmidd idejha biex tilqa' lill-mistednin, filwaqt li Marija tintefa' bilqiegħda f'riġlejn Ġesù biex toqgħod tisimgħu. Allura Marta ddur lejn l-Imgħallem u titolbu jgħid lil Marija biex tgħinha. It-tgemgima ta' Marta ma tidhirx barra minn lokha; anzi nħossu li nistgħu ntuha raġun. Madankollu Ġesù jweġibha: "Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex" (Lq 10,41-43). Tweġiba li tissorprendi. Imma bosta drabi Ġesù jaqleb ta' taħt fuq il-mod ta' kif naħsbu aħna. Nistaqsu lilna nfusna għaliex il-Mulej, minkejja li japprezza l-premura ġeneruża ta' Marta, jafferma li l-imġiba ta' Marija hi aħjar.

"Il-filosofija" ta' Marta donnha tidher li hi: l-ewwel id-dmir, imbagħad il-pjaċir. Fil-fatt, l-ospitalità mhix magħmula minn kliem sabiħ, imma tesiġi li bniedem jibda jsajjar, imidd idejh għal kulma jeħtieġ biex il-mistieden iħossu milqugħ kif jixraq.

Ġesù dan jafu tajjeb ħafna. Infatti Hu jagħraf l-impenn ta' Marta. Imma jrid ifehemha li hemm ordni ta' prijoritajiet ġodda, differenti minn dak li hi kienet timxi fuqu sa dak il-ħin. Marija kienet fehmet li hemm "sehem aħjar" li jrid jingħatalu l-ewwel post. Il-bqija kollu jiġi wara, qisu xmara li tnixxi mill-għajn. U għalhekk nistaqsu lilna nfusna: X'inhu dan "l-aħjar sehem?" Hu s-smigħ tal-kelma ta' Ġesù. L-Evanġelju jgħid: *"Marija, niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisma' x'kien qiegħed jgħid" (v. 39).* Ninnutaw: ma kinitx qed tisimgħu bilwieqfa, hi u tagħmel xi ħaġ'oħra, imma niżlet bilqiegħda f'riġlejn Ġesù. Fehmet li hu ma kienx mistieden bħall-oħrajn. Mad-daqqa t'għajn jidher li kien ġie biex jieħu xi ħaġa, għax kellu bżonn l-ikel jew fejn jistrieħ, imma fir-realtà, l-Imgħallem ġie biex itina r-rigal tiegħu nnifsu permezz ta' kelmtu.

Il-kelma ta' Ġesù mhix astratta, hi tagħlim li jmiss u jifforma l-ħajja, tibdila, teħlisa mit-tidnis tal-ħażen, tagħji u tnissel hena li ma tgħaddix: il-kelma ta' Ġesù hi *l-aħjar sehem,* dak li għażlet Marija. Għaldaqstant hi tagħtih l-ewwel post: tieqaf u tisma'. Il-bqija jiġi wara. Dan xejn ma jnaqqas mill-valur tal-impenn prattiku, iżda dan m'għandux jiġi qabel, imma għandu jnixxi mis-smigħ tal-kelma ta' Ġesù, għandu jkun imqanqal mill-Ispirtu tiegħu. Inkella jispiċċa jsir affann u inkwiet għal ħafna affarijiet, jispiċċa jsir attiviżmu ħawli.

Ħuti, napprofittaw ruħna minn daż-żmien ta' vaganzi biex nieqfu u noqogħdu nisimgħu lil Ġesù. Illum dejjem qed issir aktar bi tqila biex insibu mumenti liberi biex nimmeditaw. Għal ħafna nies ir-ritmi tax-xogħol iħalluk bla nifs, għajjien mejjet. Iż-żmien tas-sajf jista' jkun prezzjuż ukoll biex niftħu l-Evanġelju u naqrawh bil-mod, bla għaġla, pass kuljum, pass ċkejken mill-Evanġelju. U dan idaħħalna f'did-dinamika ta' Ġesù. Inħallu dawk il-paġni jagħmlulna mistoqsijiet, nistaqsu lilna nfusna kif sejra ħajjitna, ħajti, taqbilx ma' dak li jgħid Ġesù jew mhux tant. Nistaqsu lilna nfusna, b'mod partikolari: meta nibda l-ġurnata nintefa' b'ruħi u ġismi dritt fuq dak li għandi x'nagħmel, jew l-ewwel infittex ispirazzjoni mill-Kelma t'Alla? Kultant aħna nibdew il-ġurnata awtomatikament, dritt għal dak li għandna x'nagħmlu... bħat-tiġieġ. Le. Il-ġurnata għandna nibdewha qabel kollox billi nħarsu lejn il-Mulej, nieħdu kelmtu, silta qasira, imma din għandha tkun l-ispirazzjoni tal-ġurnata. Jekk filgħodu noħorġu mid-dar b'kelma ta' Ġesù ddur f'moħħna, żgur li l-ġurnata tikseb togħma ta' dik il-Kelma, li għandha s-setgħa torjenta l-azzjonijiet tagħna skont dak li jrid il-Mulej.

Jalla l-Verġni Marija tgħallimna nagħżlu *l-aħjar sehem, li qatt ma jitteħdilna.*

**ADORAZZJONI BL-ISPOST:** l-attendenza fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù qed tkun fqira ħafna. Ħadd mhu mġiegħel bilfors! Il-ħin bl-Ispost mit-Tnejn sas-Sibt hu mid-9:30am sal-11:00am xħin tingħata l-Barka Sagramentali wara li jingħad xi talb. Dritt wara jkun hemm il-quddiesa. Mhux kulħadd ikun jista'. Int li qed taqra tista' f'xi ġurnata, f'xi ħin?

ENGLISH CORNER

*Seventeenth Sunday in Ordinary Time - 24th July, 2022*

**Praying for the Will of God**

"And I tell you, ask and you will receive; seek and you will find; knock and the door will be opened to you." [Luke 11:9]

**X'qal Indjan Amerikan madwar 100 sena ilu**

Luther Standing Bear. "We did not think of the great open plains... as wild. Only to the white man was nature a wilderness; only to the white man was it infested with wild animals and savage people. To us it was tame. Earth was beautiful and we were surrounded with the blessings of the great mystery".

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am